MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Numru. 1336/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**KONTRA**

**CARMELA DEMICOLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmela Demicoli, bint Joseph u Filomena nee' Spiteri, mwielda fis- 26 ta' Dicembru 1946 f' Haz- Zabbar, residenti Shaval, Triq in- Nissieg, Zabbar u detentrici tal-Karta tal- Identita' bin- numru 46747M;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 18 ta' Lulju 2010 ghall- habta tas- 13.30hrs gewwa Triq Santa Katarina Zejtun, Triq Toni Zahra, saqet vettura bin- numru tar- registrazzjoni DBM 016 u b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqast ta' hila fl-art jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku, nvolontarjament ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il- persuni ta' M. Theresa Vella skont kif iccertifikat minn Dr. Mark Schembri MD mill- MDH;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata tressqet quddiem din il-Qorti akkuzata li saqet il-vettura taghha b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni u habtet ma' vettura ohra u kkagunat offizi gravi fuq Maria Theresa Vella. Mil-provi prodotti rrisulta li Vella kienet riekba mal-imputata, u dawn sfaw vittmi ta' kollizjoni ma' vettura ohra misjuqa minn persuna li l-identita' taghha ma gietx stabbilita b'certezza. Mid-dinamika tal-incident, huwa evidenti ferm li l-imputata ma ghamlet l-ebda manuvra hazina, izda kienet il-vettura l-ohra li giet b'velocita' qawwija u habtet mal-vettura tal-imputata, bil-konsegwenza li l-offizi sofferti minn Vella gew ikkagunati mis-sewwieq ta' din il-vettura l-ohra. Ghalhekk il-Qorti m'hix ser issibha hatja u sejra tilliberaha minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------